# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Jannar 2024**

**Rikors Numru 1157/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Vincent Saliba (K.I 504441M), Lorenza sive Lorna Curmi (K.I 92967 M), Mary Caruana (K.I. 156071M), Antonella Montford (K.I. 486978 M), Lorraine Saliba (K.I 36469 M), Saviour sive Sammy Saliba (K.I 503370M) u Astrid Zahra 70277M) Lawrence Saliba (KI. 600657), Giuseppe Saliba (K.I. 262461 M) u George Saliba (KI 410563M)**

**Vs**

**Josephine Saliba (KI 99866M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Diċembru 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *ILLI Angelo Saliba, illum mejjet, jiġi missier Lawrence Saliba, Giuseppe u George aħwa Saliba;*

    2. *ILLI Vincent Saliba huwa ħu Angelo Saliba u hu d-defunta Josephine Camilleri:*

    3. *ILLI r-rikorrenti Lorenza sive Lorna Curmi, Mary Caruana u Antonella Montford huma n-neputijiet tad-defunta, ulied il-mejjet Joseph Saliba li kien ukoll ħu d-defunta Josephine Camilleri;*

    4. *ILLI r-rikorrenti Lorraine Saliba, Saviour sive Sammy Saliba u Astrid Zahra huma wkoll neputijiet tad-defunta, ulied il-mejjet Remigio Saliba, li wkoll kien ħu d-defunta Josephine Camilleri;*

5. *ILLI d-defunta Josephine Camilleri ġiet nieqsa nhar id-disgħa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (29.8.2014), fl-eta' ta' erbgħa u tmenin sena (84), kienet armla u ma kellhiex ulied;*

6. *ILLI l-intimata ġiet nominata l-unika eredi u werrieta universali permezz ta' testament tat-13 ta' Meiju 2014; Dok VSI*

7. *ILLI l-wirt ab intestato kien jiddevolvi fuq l-esponenti u permezz ta' sentenza tat-23 ta' Ottubru 2017 Rik Ġur 93/15 LM wara kawża intavolata mill-esponenti, dina l-OnorabbIi Qorti iddikjarat t-testment tat-13 ta' Meiju 2014 bħala null u invalidu u għalhekk l-esponenti illum huma l-werrieta ab intestato ta' Josephine Camilleri; Dok VS2*

8. *ILLI d-defunta waqt ħajjitha kienet tat lil intimata Prokura Ġenerali datata 21 ta' Frar 2012 transunta fl-atti Anne Marie Tonna Dok VS3 u Prokura Speċjali datata 29 ta' Meju 2012 Dok VS4;*

9. *ILLI tramite l-istess prokuri l-intimata żbankat flejjes konsiderevoli mill-kontijiet tal-mejta, li skond ix-xhieda tal-istess intimata fil-kawza Rik Ġur 93/15LM, hija użat l-istess flejjes fuq istruzzjonijiet tad-defunta u sabiex tagħmel benefiċjenza;*

10. *ILLI interpellata permezz ta' żewġt ittri uffiċjali sabiex tati rendikont l-intimata baqgħet inadempjenti;Dok VS5 u Dok VS6*

*Tgħid għalhekk l-intimata, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tordna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju rendikont sħiħ, fidil u dettaljat tal-ġestjoni tagħha tal-flejjes tal-mejta u l-iżbanki li hija għamlet mill-kontijiet bankarji fuq isem Josephine Camilleri wara li ngħatat il-prokura ġenerali u dik speċjali;*

2. *Tipproduċi riċevuti relattivi wara pagamenti li hija allegatament għamlet relattiv għal kull żbank;*

3. *Fin-nuqqas li l-intimata tati rendikont sħiħ, fidil u dettaljat u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, tawtorizza lir-rikorrenti a tenur tal-Art 394 tal-Kap 12 u biex bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw l-ammont lilhom dovut;*

4. *Tikkundanna lil intimata sabiex tħallas l-istess ammont hekk likwidat mir-rikorrenti.*

*Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fil-11 ta' Jannar 2018, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

1. *Illi l-azzjoni esperita hija intempestiva u prematura in kwantu sal-preżent ir-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu werrieta 'ab intestato' tad-defunta Josephine*

*Camilleri gja la darba s-sentenzi tal-23 ta' Ottubru, 2017 ma jifformawx ġudikat definittiv billi jinsabu soġġetti għall-Appell;*

2. *Illi wkoll in vista tal-istess raġuni jeżisti fir-rikorrenti fl-istat attwali l-karenza tal-interess ġuridiku;*

3. *Illi bla preġudizzju għall-premess, riferibbilment għat-tielet talba, l-awtorizzazzjoni rikjesta a tenur tal-art. 394 tal-Kap 12 mhix awtomatika, anki għaliex skond ġurisprudenza paċifika l-parti li favur tagħha jiġi ordnat ir-rendikont ma tistax tiġi ammessa li tiddetermina l-ammont lilha dovut bil-ġurament, ħlief fil-każ li kull mezz ta' prova oħra jkun impossibbli;*

4. *Illi wkoll f'kull każ l-esponenti ma tistax tiġi kkundannata tħallas kull ammont li talvolta jiġi likwidat stante li, in pessima ipotesi, missier l-istess esponenti hu wkoll eredi tal-imsemmija defunta, u, se mai, tali ammont likwidat ikun irid jiġi rijunit fil-massa ereditarja tal-beni tad-defunta;*

5. *Illi, bħala stat ta' fatt, l-flejjes li nġibdu mill-bank bis-saħħa tal-prokura ġew mill-esponenti re-depożitati fl-istess bank u għaldaqstant it-talba għar-resokont qiegħda ssir inutilment.*

*Salv kull eċċezzjoni oħra li tkun hekk pertinenti.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat ix-xhieda ta' **Joanna Bartolo**, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, mogħtija fil-25 ta' April 2018 (fol 70).

5. Rat ix-xhieda ta' Joanna Bartolo, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2018 (fol 79) u rat id-dokumenti minnha eżebiti.

6. Rat ix-xhieda ta' **Alison Mifsud Brimmer**, rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc, mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2018 (fol 95) u rat id-dokumenti minnha eżebiti.

7. Rat ix-xhieda ta' **Janet Lepre**, rappreżentant tal-Lombard Bank, mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2018 (fol 173).

8. Rat ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer, rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc, mogħtija fid-29 ta' Novembru 2018 (fol 180) u rat id-dokumenti minnha eżebiti.

9. Rat l-affidavit ta' **Vincent Saliba** ppreżentat fil-15 ta' Mejju 2019 (fol 187).

10. Rat in-nota tar-rikorrenti ppreżentata fis-7 ta' Ottubru 2019 fejn ġew ippreżentati kopji tas-sentenzi segwenti:

    a. ***Lawrence Saliba et vs Josephine Saliba*** Rik Ġur Nru 437/16 deċiża mill-Prim' Istanza fit-23 ta' Ottubru 2017 (fol 194);

    b. ***Angelo Saliba et vs Josephine Saliba*** Rik Ġur Nru 93/15 deċiża mill-Prim' Istanza fit-23 ta' Ottubru 2017 (fol 204).

11. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2019 ġie verbalizzat mill-intimati illi ż-żewġ sentenzi kienu ġew appellati u għadhom mhux deċiżi.

12. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fil-15 ta’ Ottubru 2019 konsistenti f’kopji ta’ varji xhieda mogħtija fil-kawżi fuq imsemmija fil-paragrafu 10.

13. Rat l-affidavit ieħor ta’ Vincent Saliba ppreżentat fis-7 ta’ Novembru 2019 (fol 272).

14. Rat l-affidavit ta’ **Lorna Curmi** ppreżentat fis-7 ta’ Novembru 2019 (fol 274).

15. Rat l-affidavit ta’ **Joseph Saliba** ppreżentat fis-7 ta’ Novembru 2019 (fol 275).

16. Rat ritratti eżebiti mir-rikorrenti fil-15 ta’ Novembru 2019 (fol 278).

17. Rat illi fid-9 ta’ Jannar 2020, l-intimati ppreżentaw kopja tar-rikors tal-appell tagħhom għaż-żewġ sentenzi fuq ġia msemmija, ossija Rikors Nru 93/2015 u 437/2016 lkoll deżiżi fit-23 ta’ Ottubru 2017, liema appelli ġew ippreżentati fis-27 ta’ Ottubru 2017.

18. Semgħet ix-xhieda in subizzjoni ta’ **Josephine Saliba** mogħtija fit-30 ta’ Jannar 2020, prodotta mir-rikorrenti stess (fol 307).

19. Rat in-nota ppreżentata fl-20 ta’ Frar 2020 bir-riċerki testamentarji ta’ Josephine Camilleri (fol 324) u ppreżentati għal darba oħra fil-25 ta’ Frar 2020 (fol 332).

20. Rat it-tielet affidavit ta’ Vincent Saliba ppreżentat fit-3 ta’ Marzu 2020 (fol 339).

21. Rat in-nota tar-rikorrenti ippreżentata fit-3 ta’ Marzu 2020 fejn, għal darba oħra, ppreżentaw estratti ta’ varji xhieda mogħtija fil-kawża Rikors Ġuramentat Nru 93/2015 (fol 343).

22. Rat illi fil-11 ta’ Marzu 2020, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

23. Rat illi fis-26 ta’ Ġunju 2020, ir-rikorrenti talbu ili jagħmlu prospett tad-danni minkejja illi kienu għalqu l-provi, liema talba ġiet akkolta mill-Qorti.

24. Rat illi fis-6 ta’ Awissu 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw prospett tad-danni fejn illikwidaw id-danni minnhom pretiżi fl-ammont ta’ €127,041, (fol 421) liema somma qiegħda tiġi hawnhekk indikata a fini ta’ tassazzjoni ta’ dina l-kawża!

25. Rat illi fl-24 ta’ Settembru 2020, ir-rikorrenti ikkonfermaw illi issa ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

26. Rat l-affidavit ta’ Josephine Saliba ppreżentat fil-21 ta’ Jannar 2021 (fol 432).

27. Rat illi fis-26 ta’ Jannar 2021, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhom ebda provi oħra x’jippreżentaw u ma kellhom ebda kontro eżamijiet x’jagħmlu.

28. Rat illi fis-26 ta’ Jannar 2021, l-konsulenti legali tar-rikorrenti ddikjaraw illi riedu jagħmlu kontro eżami ta’ l-intimata.

29. Semgħet il-kontro eżami ta’ Josephine Saliba mogħtija fil-25 ta’ Mejju 2021.

30. Rat illi fil-25 ta’ Mejju 2021, ġie ddikjarat illi ma kienx hemm aktar provi u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti.

31. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ppreżentati fit-23 ta’ Settembru 2021 (fol 468).

32. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ l-intimati ppreħentati fit-23 ta’ Novembru 2021 (fol 480).

33. Rat illi fis-17 ta’ Jannar 2022, ir-rikorrenti talbu lil dina l-Qorti tissoprasjedi.

34. Rat illi fit-18 ta’ Jannar 2022, il-Qorti laqgħet it-talba.

35. Rat illi fl-20 ta’ Jannar 2022, l-intimata ppreżentat rikors fejn talbet illi d-digriet jiġi revokat contrario imperio peress illi ma kinetx notifikata bir-rikors, liema talba ġiet milqugħa fl-1 ta’ Frar 2022.

36. Rat ir-risposta ta’ Vincent Saliba ppreżentata fit-28 ta’ Frar 2022, għar-rikors ta’ l-intimata ppreżentat fl-20 ta’ Jannar 2022 u ddegretat temporanjament fl-1 ta’ Frar 2022.

37. Rat in-nota ta’ l-intimati ppreżentata fl-10 ta’ Marzu 2022, fejn indikaw illi ż-żewġ appelli tal-kawżi fuq indikati kienu skedati għal sentenza għall-4 ta’ Mejju 2022 wara illi kien hemm l-ewwel dehra fit-8 ta’ Marzu 2022.

38. Rat illi fit-22 ta’ Ġunju 2022, l-intimata ppreżentat rikors fejn insistiet illi l-kawża odjerna kellha titħalla għas-sentenza.

39. Rat illi fil-5 ta’ Lulju 2022, din il-Qorti rrevokat id-digriet tagħha ta’ sovrasessjoni tat-18 ta’ Jannar 2022 u ddifferiet il-kawża għas-sentenza għat-8 ta’ Novembru 2022.

40. Rat illi fis-16 ta’ Novembru 2023, l-intimata ppreżentat nota b’ kopja ta’ żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Novembru 2023:

    a. ***Lawrence Saliba et vs Josephine Saliba*** Rik Ġur Nru 437/16 deċiża oriġinalment mill-Prim' Istanza fit-23 ta’ Ottubru 2017 (fol 194);

    b. ***Angelo Saliba et vs Josephine Saliba*** Rik Ġur Nru 93/15 deċiża oriġinalment mill-Prim' Istanza fit-23 ta’ Ottubru 2017 (fol 204)/

**Ikkunsidrat**

41. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qed jikkontendu illi huma l-werrieta ‘*ab intestato*’ ta’ zithom Josephine Camilleri, illi kienet mietet fid-29 ta’ Awissu 2014.
42. Jirriżulta illi, madanakollu, fit-13 ta’ Mejju 2014, l-istess Josephine Camilleri kienet ħalliet lill-intimata Josephine Saliba, neputija tagħha, bħala eredi universali u assoluta tagħha.

43. Jirriżulta illi wara l-mewt ta’ Josephine Camilleri, ir-rikorrenti sussegwentement ippreżentaw kawża l-Qorti, fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna, bin-numru 93/2015 LM, fejn talbu lill-Qorti tirrevoka u tħassar it-testment tat-13 ta’ Mejju 2014 li kien sar quddiem in-Nutar Pubbliku Anne Marie Tonna.

44. Jirriżulta illi permezz ta’ sentenza mogħtija fit-23 ta’ Ottubru 2017, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ħassret it-testment tat-13 ta’ Mejju 2014.

45. Jirriżulta illi fis-27 ta’ Ottubru 2017, l-intimata appellat minn tali deċiżjoni.

46. Jirriżulta illi, nelfrattemp, abbażi tad-dikjarazzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fuq imsemmija w it-tħassir tat-testment, fit-22 ta’ Diċembru 2017 ir-rikorrenti intavolaw il-

kawża odjerna fejn, bħala eredi '*ab intestato*' ta' Josephine Camilleri, talbu lil dina l-Qorti sabiex tordna lill-intimata sabiex tagħti rendikont dettaljat tal-flejjes kollha ta' Josephine Camilleri u tordna lill-istess intimata tħallashom sehemhom.

47. Jirriżulta ċar illi r-rikorrenti kkwantifikaw sehemhom fl-ammont ta' €127,041 (fol 421).

48. Jirriżulta illi fil-15 ta' Novembru 2023, ingħatat deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell, fejn id-deċiżjoni illi biha kien tħassar it-testment tat-13 ta' Mejju 2014, liema deċiżjoni kienet ingħatat mill-Prim' Awla tal-Qorti fit-23 ta' Ottubru 2017, ġiet totalment revokata.

49. Jirriżulta, għalhekk, illi bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru 2023, ġie kkonfermat illi t-testment tat-13 ta' Mejju 2014, fejn Josephine Camilleri kienet nominat lill-intimata Josephine Saliba bħala uniku eredi tagħha, kien wieħed validu, u għalhekk, a differenza ta' dak dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kienet l-intimata l-unika eredi ta' Josephine Camilleri, u r-rikorrenti ma kellhom ebda dritt x'jivvantaw.

**Ikkunsidrat**

50. Il-Qorti ftit li wisq għandha xi tgħid f'dana l-istadju.

51. Jidher ċar illi l-bażi KOLLHA tal-azzjoni odjerna kienet li huwa werrieta 'ab intestato' ta' Josephine Camilleri, kif kienet dikjarat is-sentenza mogħtija a favur tar-rikorrenti fit-23 ta' Ottubru 2017, liema sentenza, iżda, ma kinetx għadha *res gudikata* meta ġew ippreżentati l-proċeduri odjerni, liema sentenza issa ġiet imħassra mill-Qorti tal-Appell.

52. Din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax, madanakollu, illi dina l-kawża QATT ma messha saret QABEL mad-deċiżjoni favur ir-rikorrenti kienet '*res gudikata*' u d-deċiżjoni sabiex jinbdew tali proċeduri kienet waħda żbaljata u barra minn lokha.

53. Jirriżulta ċar issa illi r-rikorrenti ma jivvantaw ebda dritt ta' wirt fuq Josephine Camilleri, u għalhekk ma għandhom ebda dritt illi jitolbu lill-intimata Josephine Saliba sabiex tipprovdihom b'rendikont dettaljat b'dak kollu li nefqet mill-flus ta' Josephine Camilleri u, aktar u aktar, tirritornalhom sehemhom.

54. Jirriżulta, għalhekk, illi ebda mit-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħu jiġu kkunsidrati favorevolment, peress illi r-rikorrenti ma humiex werrieta tal-mejta Josephine Camilleri.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha rikorrenti kif dedotti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**